# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Kumpilazzjoni Numru 449/2018**

**Pulizija**

**vs**

**Jonathan Farrugia**

**Illum 19 ta' Jannar, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Jonathan Farrugia detentur tal-karta tal-identità numru 147087M, li permezz taghhom gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Frar 2018, ghall-habta tal-hdax neqsin ghaxra ta' filghodu (10.50hrs), f' dawn il-gzejjer:

(i) *Uza xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' kommunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b' mod mhux kif imiss u dan bi ksur ta' l-art 48(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(ii)* *U aktar talli fl-istess data, lok u hin permezz ta' xi network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika (a) hedded li ser jaghmel xi reat; (b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor u cioe' lil biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontriha jew immalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra (c) ghamel uzu mhux xieraq bih u dan bi ksur ta' l-art 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Kif ukoll gie akkuzat talli fl-istess data, ghal habta ta' nofsinhar neqsin kwart (11.45hrs), gewwa Triq Mile End, Hamrun,

*(iii)* *Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ramon Zerafa u dan skond ma' ccertifika Dr Eliezer Zahra Bianco MD (Reg No 5912) mill-Sptar Mater Dei u dan bi ksur ta' l-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;*

*(iv)* *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1) ( e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(v)* *U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni b' ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-art 338(dd) tal-Kap 9 tal-LIgijiet ta' Malta;*

*(vi)* *U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Iigjiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba biex f' kaz ta' htija il-Qorti tipprovdi ghas-sigurta ta' Ramon Zerafa, Kirsty Mamo u tal-familjari taghhom u tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383, 384, 285 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali;

Semghet trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**Xhieda mismugha minn din il-Qorti**

**L-Ispettur Elliot Magro** xehed li fis-27 ta' Frar 2018, ghal habta tal-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar, gewwa l-Ghassa tal-Hamrun, dahlet Kirsty Mamo u Ramon Zerafa, li sostnew li fis-26 ta' Frar, Jonathan Farrugia kellu argument ma' Ramon Zerafa. Spjega li Ramon Zerafa stqarr li kien sofra diversi griehi ta' natura gravi. Spjega li Kirsty sostniet li fis-26 ta' Frar 2018, ghal habta tal-hdax nieqes ghaxra ta' filghodu, Jonathan kien cemplilha u talabha sabiex Ramon icempillu. Spjega li din it-telefonata saret, u Farrugia beda jhedded u joffendi lil Ramon Zerafa. Spjega li Kirsty sostniet li wara, ghal habta ta' nofsinhar neqsin kwart, Jonathan mar quddiem ir-residenza taghha, u Ramon kien hebb ghal Jonathan.

Kompla jghid li meta gie mitkellem Ramon Zerafa, dan qal li kien hemm telefonata bejnu u bejn Jonathan, fejn Jonathan nsulentah u heddu, u ftit tal-hin wara, Jonathan mar fejn toqghod Kirsty u habbat. Spjega li Zerafa qal li meta nizel, Jonathan mill-ewwel hebb ghalih, u li kieku ma kienx ghal nies li kien hemm, Jonathan kien jibqa' jaghtih. Spjega li Zerafa qal li mar ghall-ghajnuna medika, u pprezenta certifikat mediku li kien sofra minn griehi ta' natura gravi. Spjega li huwa gie mghoddi filmat. Kompla jghid li huwa ha stqarrija ta' Jonathan Farrugia, li qal li Ramon kien qed jindahal fuq kwistjonijiet ta' ibnu, u li huwa kien ghamel zmien b'dipressjoni. Spjega li Jonathan qal li huwa ddefenda ruhu biss.

**Marisa Gauci in rapprezentanza ta' Vodafone plc** xehdet li qed taghti *profile* tan-numri (omissis) u (omissis) tal-perijodu bejn Novembru 2017 sal-gurnata tal-lum.

**Charmaine Zammit in rapprezentanza ta' Vodafone plc** xehdet li n-numru (omissis) huwa registrat fuq Kimberley Farrugia, mis-7 ta' Mejju 2018, sas-17 ta' Gunju 2018, u mbaghad gie registrat fit-18 ta' Gunju 2018, u ghadu hekk registrat. Spjegat li n-numru (omissis) m'huwiex registrat.

**PS 593 Raphael Attard Flores** xehed li fis-27 ta' Frar, gew jirraportaw l-Ghassa, Kirsty Mamo u Ramon Zerafa, li gurnata qabel, Jonathan Farrugia kien hebb ghal Ramon. Qal li kien hemm ukoll xi komunikazzjoni maghhom bil-*mobile* fejn kien hemm xi thedid, u kien Jonathan Farrugia li mar fir-residenza ta' Kirsty Mamo. Spjega li huwa ra filmat tal-incident kollu.

**PC 299 Daniel Cilia** xehed li fis-27 ta' Frar 2018, dahlu Kirsty Mamo u Ramon Zerafa fl-Ghassa tal-Hamrun, fejn ghamlu rapport li Ramon gie aggredit minn Jonathan Farrugia. Spjega li dawn kienu qalu li Jonathan, l-ewwel kien cemplilhom u baghtilhom xi messaggi bit-theddid u tghajjir, u mbaghad meta Ramon nizel biex imewwet is-sitwazzjoni, zammewh zewgt ihbieb ta' Jonathan Farrugia, filwaqt li Farrugia beda jaghti bil-ponn lil Ramon.

**PC580 Ishmael Mercieca** xehed li huwa kien prezenti meta Jonathan Farrugia rrilaxxja l-istqarrija tieghu.

**Ramon Zerafa** xehed li fis-26 ta' Frar 2018, Jonathan Farrugia cempel lil Kirsty, u beda jhedded li ser jifqa' l-iskutella ta' rasu. Spjega li Farrugia kien qal lil Kirsty biex huwa jcempillu. Spjega li ghal habta tal-hdax neqsin ghaxra, huwa cempillu u kien talbu biex ma joqghodx iwerwer lil Kirsty. Spjega li Farrugia kien qaghad jidghi, u huwa kien qallu biex fil-kaz jigi u jitkellmu bil-mod. Spjega li Farrugia gie gor-residenza f'Mile End Street, Hamrun. Sostna li Farrugia qatt ma ghamel telefonata personali lilu. Huwa kien jaghmel it-telefonati lil Kirsty u jibghatilha l-messaggi ta' tghajjir u theddid. Ikkonferma li n-numru ta' Kirsty huwa (omissis). Spjega li huwa dakinhar, kien cempel lil Jonathan Farrugia fuq (omissis).

Spjega li meta gie quddiem ir-residenza ta' Kirsty, Jonathan Farrugia habbat il-bieb. Spjega li malli huwa nizel, dan Farrugia hebb ghalih, filwaqt li huwa pprova jiddefendi lilu nnifsu. Spjega li Farrugia beda jaghtih f'wiccu bil-ponn. Spjega li f'daqqa wahda, interferew zewgt min-nies li hargu mill-karozza. Sostna li kawza ta' hekk, waqt il-glieda, Farrugia qasamlu ghajnejh, u qalalu spalltu x-xellugija.

Spjega li huwa mar l-Ghassa u l-Polyclinic. Spjega li waqt dan l-incident, kien hemm hafna ghajjat u konfuzjoni. Spjega li mbaghad nizel persuna u ferraq l-argument. Spjega li huwa kien ta filmat lill-Pulizija. Sostna li l-messaggi da parti ta' Jonathan Farrugia, komplew anke wara l-glieda.

**Dr Elizier Zahra Bianco** spjega li huwa hareg certifikat lil Ramon Zerafa, fejn kien sofra minn barxa fuq mohhu, fuq ghajnu x-xellugija, u kellu *dislocation* tal-ispalla tax-xellug. Qal li huwa ma regax ezamina lil Zerafa.

**Michael D'Amato** xehed li huwa amministratur tal-binja fi Triq Mile End, Hamrun. Spjega li din hija mghammra b'CCTV, u li wiehed mir-residenti kien talbu l-filmat. Spjega li huwa kien ghadda dan il-filmat lil certu Ramon.

**Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta** xehdet li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni (omissis), hija ta' kulur abjad, u hija Mercedes Benz E350. Spjegat li din hija registrata fuq Jonathan Farrugia, u ilha hekk registrata mill-11 ta' Frar 2019.

**Kimberley Farrugia** xehdet li hija xtrat il-linja bin-numru (omissis), u dan in-numru dejjem intuza minn Jonathan Farrugia, li jigi huha.

**Dr Mario Scerri** xehed li huwa ezamina lil Ramon Zerafa fis-17 ta' Dicembru 2019. Spjega li dan kellu cikatrici fuq is-*supraorbital bridge* tax-xellug, rizultat tal-lezjoni huwa li din ma tantx tidher *within talking distance.* Spjega li kellu dislokazzjoni tal-ispalla xellugija, fejn din ghadha tipproduci sintomi, u ghad hemm evidenza ta' *anterior posterior* u *superior dislocation.* Spjega li dan jibqa' suggett ta' *chronic dislocation* tal-ispalla. Spjega li huwa ra CT scans u Xrays li kien ha l-istess Ramon Zerafa.

**Jonathan Farrugia** xehed li huwa kellu relazzjoni ma' Kirsty Mamo, u ghandu tifel. Spjega li din kienet tqabbad kull *boyfriend* li jkollha biex icempillu. Spjega li huwa hsiebu biss fit-tifel. Spjega li t-tifel ghandu 4 snin. Spjega li dakinhar tal-incident, Ramon Zerafa kien cempillu. Spjega li huwa kien irrispondih li huwa lilu ma jafux. Spjega li dan Zerafa kien offendih. Spjega li huwa mar biex jiehu x-xirja lil Kirsty Mamo, u dan hareg ghalih. Spjega li huwa kellu lil shabu gol-karozza, u li malli habbat il-bieb, omm Kirsty Mamo harget bil-*mobile* fil-gallarija.

Spjega li hareg Ramon Zerafa, u dan beda jxejjer idejh, u huwa ddefenda ruhu. Spjega li shabu nizlu minn gol-karozza u zammew lil Zerafa biex ma jaghtihx. Sostna li huwa baqa' jghidlu li huwa ma ghandux x' jaqsam mieghu. Spjega li Kirsty Mamo u ommha qaghdu jidhku fil-gallarija. Sostna li huwa wegga' wkoll, izda ma ghamilx rapport. Sostna li huwa ma jafx jibghat messaggi ghaliex lanqas jaf jikteb.

In kontroezami, huwa sostna li huwa ma ghamilx rapporti kontra Zerafa.

**Acram Elnab** xehed li dakinhar tal-incident, kien qieghed ma' Jonathan Farrugia. Spjega li xhin daqq il-qanpiena tar-residenza tal-eks-tieghu, Jonathan Farrugia stenna, u mill-bieb hareg persuna rrabjata. Spjega li huwa u persuna ohra zammew lil dan li kien nizel mir-residenza ghax kien aggressiv hafna. Sostna li huwa kien ma' Farrugia ghax kien ser imur dawra mieghu, u biex jiehdu t-tfal taghhom il-bandli. Sostna li huwa kien zamm lil dan Zerafa. Spjega li kienu tnejn qed izommu lil Zerafa. Sostna li Jonathan beda jghid li Kirsty, dejjem hekk taghmillu. Spjega li Jonathan Farrugia kien qal lil Zerafa biex ma jxejjirx idejh, u biex ma jhallix lil Kirsty tinqeda bih. Sostna li ma' Zerafa, kien hareg persuna ohra.

In kontroezami, dan spjega li Jonathan kien gie jiekol minghandu, u huwa kien qallu li kien sejjer ghat-tifel. Spjega li Jonathan Farrugia ma kienx semmielu li kienu gew skambjati xi telefonati. Sostna li Farrugia kien jidher normali.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti ma tqisx li din giet ampjament ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Din l-imputazzjoni tirrigwarda allegazzjoni li l-imputat uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza, ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew li ttraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici, jew inkella tuzah b'mod mhux kif imiss. Madanakollu, provi dwar din l-imputazzjoni ma tressqux. Ma tressqux provi dwar x'inhuma l-istruzzjonijiet li gew mahruga mill-impriza ghall-uzu kif imiss tal-apparat ta' komunikazzjoni, u lanqas ma tressqet prova dwar x'kien l-ghan li ghalih kien gie fornut l-istess apparat ta' komunikazzjoni. Ix-xhieda tal-Vodafone plc infatti, qatt ma gew mistoqsija xi domandi relatati ma' din l-imputazzjoni, nonostante li ttellghu zewg impjegati tal-Vodafone plc matul is-smigh ta' din il-kawza.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, bin-numru 50/2017, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Salvatore La Rocca, deciza fis-sebgha (7) ta' Frar 2019, fejn intqal hekk dwar l-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"L-element essenzjali ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 49(a) tal-Kap. 399 huwa li jkun sar theddid li se jsir xi reat u dan bl-uzu ta' network jew apparat elettroniku...... L-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 imbaghad jirreferi ghal uzu mhux xieraq tal-apparat elettroniku. Kif gia` kellha l-opportunita din il-Qorti li tikkummenta fil-kawza flismijiet Il-Pulizija vs Francine Cini "uzu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratt theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti." (deċiża fl-24 ta' Lulju 2017).*
>
> *It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' hsara ingusta. Kif gia` sottolineat aktar qabel b'rabta mat-tieni akkuza, dan ma rrizultax.*

*Sahansitra anke li kieku kellu jitqies li l-kliem li seta' intuza mill-imputat kien wiehed malafamanti, xorta bl-applikazzjoni tal-proviso li iddahhal bl-Att XI tal-2018, ma jkun jezisti l-ebda reat taht l-artikolu 49 tal-Kap. 399: "Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Mark Camilleri, deciza fit-28 ta' Marzu, 2019, fejn il-kaz kien jitratta imputazzjoni li allegatament sehhet fl-2014, snin qabel ma' gie introdott il-proviso bl-Att XI tal-2018. Il-Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet, u applikat dan il-proviso f'dan il-kaz:

*"lli fis-seduta tat-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), quddiem din ilQorti, Dr Andrew Sciberras l-Avukat difensur tal-appellant spjega li fis-sentenza appellata, l-imputat kien instab hati taht l-artikolu 49 tal-Kap 399 abbinat malartikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Izid ighid pero li bl-att XI tal-2018 li dahal fis-sehh fl-24 ta' April, 2018 u ghalhekk fil-mori tal-proceduri ta' dan l-appell u wara sentenza tal-ewwel Qorti, l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali gie mhassar (X1.2018.25) filwaqt bl-istess att (XI.2018.32) zdied proviso ghal-artikolu 49 tal-Kap 399 fejn ukoll giet eskluza l-htija taht dik il-ligi meta l-kliem malafamanti jistghu jghatu lok ghall malafama jew ingurja skont l-att dwar il-Media. …Din il-Qorti sejra tibda billi tezamina jekk dawn l-emendi li saru fil-mori tal-appell u Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra it-tieni akkuza migjuba fil-konfront talappellant taht l-artikolu 49 ( c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz ta-Att XI.2018.32 u cioe li ghamel uzu mhux xieraq minn sistema jew apparat tal –komunikazzjoni eletronici billi immalafama lill-Mario Calleja .*

*Dan l-artikolu llum il-gurnata jaqra:*

*'Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika – (a) jhedded li jagħmel xi reat;*

*jew (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bilħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat; Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

*Dan il-kaz jittratta dwar kummenti li saru minn Mark Camilleri fuq il-blog talgurnalist Victor Vella fir-rigward tal-artikolu bl-isem "Is-Sindku ta' Marsakala, tal-PN ilhom ma jesqu 'l hawn' li kien gie pubblikat fuq il-gurnal l-Orizzont ta' nhar id-9 ta Mejju, 2014. Din il-Qorti tqis din dan il-kumment bhala tali jaqa' taht ilproviso mizjud permezz tal-Att Att XI.2018.32. Jirrizulta li l-kliem uzat huwa 'kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat' u ghalhekk jirrizulta li jistgha jaghti lok ghal-azzjoni ghal-malafama jew ingurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Dan huwa kaz fejn l-appellant ippublika xi kliem malafamanti fuq xi sit socjali on line u allura fejn il-pubbliku jew uhud mil-pubbliku kellu access ghalih.*

*Din il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ukoll ghal posts ohra li jinsabu fuq lblog kif rapportati id-dokument esebit fl-atti markat bhala dok RSA 2 a fol. 10 et seq fejn jirrizulta li hemm diversi malafami ohra bhal 'min gie elett mhux kapaci jamminsitra,....sindku bazi....min mhux tajjeb biex jamminsitra u qed igib il-voti billi jidhaq bin-nies ghandu jmur id dar u jibda jfitte xoghol....empty*

*vessels make most sound, u kif stqarr Mario Calleja stess fix-xhieda li hwua ta quddiem din il-Qorti diversament preseduta huma kollha kummenti malafamanti u ingurjuzi fil-konfront tieghu .*

*Ghalhekk jirrizulta li l-emendi li saru fuq l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fil-mori tal-appell permezz tal-Att XI.2018.32 huma tali li fit-termini talproviso ta' dan l-artikoli m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

*Ghaldaqstant l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-emenda li saret fil-mori tal-appell m'ghadux applikabbli.*

*Ikkunsidrat;*

*Kif ikkunsidrat dwar l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fissentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Francine Cini' ( Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Lulju, 2017) (Kaz Numru: 371/2017)*

*'Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina lemenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal- 2007.*

*Illi ma hemmx dubju illi l-imputat intenzjonalment uza s-social media sabiex jaghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi tella posts bi kliem ingurjuz dwar il-parti leza. Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007' ntqal:*

*"DR PETER GRECH: Bħalissa fil-ligi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief sub paragrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jigifieri li wieħed juza apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorci flus, igiegħel lil ħaddieħor jagħmel*

*xi ħaga illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.*

*DR PETER GRECH: Issa li gara huwa nqalgħet diffikulta' fil-qorti dwar xi tfisser improper use. Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone uzajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk uzajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bzonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niccaraw 'ifisser improper use. Tħalliet il-klawsola generali "or makes any other improper use thereof" imma gie izjed specifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jigi projbit, li tuza apparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija."*

*Minn dan johrog illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "uzu iehor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il- kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti.*

*Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "uzu iehor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrafu propost ma nghatax il-barka mil-Legislatur u gie eliminat: "(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*

*Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghallintepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:*

*'Uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid."*

*Dik il-Qorti fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ohra, ikkunsidrat li: 'Illi l-imputat, fl-ewwel lok jidher illi l-akkuzi addebitati lilu huma dik ravvizata fissub-inciz (c) tal-artikolu 49 li allura jipprospetta l-uzu mhux xieraq li jsir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni. Billi jirrizulta minn qari tal-email ezebiti illi huwa tellgha posts fuq il blog ta Victor Borg bi*

*kliem ingurjuz u lillkwerelant b'dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Vs Lee Borg' (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 2016 (Appell Numru: 27/2016) il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:*

*'Jilmenta ukoll l-appellanti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li dwarha instab hati illi huwa qatt ma uza kliem ta' theddid fl-email mibghuta u allura kellu jigi illiberat.*

*Illi l-appellanti ma ghandux ragun ghaliex fl-ewwel lok jidher illi it-tieni akkuza addebitata lilu hija dik ravvizata fis-sub-inciz (a)(b) u (c) ta' l-artikolu 49 li allura jipprospetta tlett sitwazzjonijiet differenti u mhux biss it-theddid tar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inciz (a). Illi allura dan ir-reat jikkontempla ukoll l-uzu mhux xieraq li isir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni u dan fis-subiniciz (c) tieghu, ghalkemm l-Ewwel Qorti ma tindikax taht liema sub-inciz qed tinstab il-htija.*

*Billi l-appellanti ex admissis jistqarr illi huwa bghat email bi kliem ingurjuz lillkwerelanti b'dan halhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza, allura dan l-aggravvju ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Martin Sammut vs Dr. Alfred Grech' (Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Lulju, 2013 (Numru 344/2012)) gie kkunsidrat li:*

*'L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-uzu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-ligi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-*

*paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tarregola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bilparagrafu (c) msemmi in kwantu huma messaggi li tal-anqas idejjqu,jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (c) msemmi.'"*

Il-Qorti tispjega li s-sentenza fuq kwotata fl-ismijiet, Pulizija vs Francine Cini, giet appellata u nghatat sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Appell Nru.356/2017, fis-26 ta' April 2019, fejn intqal:

*"Kwantu it-tieni imputazzjoni, tissokta l-osservazzjoni ta' din il-Qorti dwar is-sejbien ta' htija fl-artikolu 49(a) tal-Kap 399. Dan l-artikolu jipprovdi hekk: Kull minn permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika:- (a) Jhedded li jaghmel xi reat; Imkien mill-istesura tal-messagg riprodott supra ma hemm xi hjiel ta' theddida ta' reat tant li l-appellanta qatt ma kienet imputata b'tali fatt. Din il-Qorti mghandiex ghalfejn tinoltra aktar dwar dan il-punt u ghalhekk marte proprio ser tghaddi biex tirrevoka din il-parti tas-sentenza li biha sabet lill-appellanta hatja ta' ksur ta' dan lartikolu;*

*Il-lanjanza tal-appellanta rigward it-tieni imputazzjoni, apparti dak appena konsiderat, hi dwar in-nuqqas tal-element malafamanti fil-messagg taghha. Dwar dan, izda, ukoll hemm kwistjonijiet ta' punti legali li wiehed minnhom ser ikun sollevat ex officio stante li hu ta' ordni pubbliku. Fl-ewwel lok, ir-reat ravvizat fissubartikolu 49(b), jipprospetta, apparti theddida ta' akkuza jew ilment kontra persuna, mhux il-malafama per ser izda it-theddida tal-malafama permezz ta' apparat eletroniku "bil-hsieb li jiehu*

*xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga". Mill-atti processwali ma jirrizulta ebda theddid ghall-iskop ravvizat f'dan is-subartikolu. L-appellanta izda ma ressqet ebda ilment in rigward u l-argument taghha huwa dwar in-nuqqas tal-element malafamanti filmessagg taghha. Dan izda mhux ser ikun konsiderat gharraguni li ser issegwi fil-konsiderazzjoni li jmiss; 10. Ventilat dan, u fi kwalunkwe kaz, hemm ukoll il-kwistjoni ta' natura legali naxxenti mill-emendi konsegwenzjali bl-introduzzjoni tal-fuq imsemmi Att XI tal2018. L-artikolu 32 ta' dan l-att zied is-segwenti proviso fl-ahhar tal-artikolu 49 talKapitolu 399:*

*"Izda semplici kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippublikati fuq newtork ta' komunikazzjoni elettronici jew appart u li jkunu jistghu jaghtu lok ghal azzjoni ghal malafama jew ingurja skond l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'ghandhomx jaghtu lok ghal reat taht dan l-Att"*

*11. B'dan il-proviso il-malafama m'ghadiex tikkostitwixxi reat u l-istess proviso dahal fis-sehh minghajr rizervi dwar azzjonijiet kriminali pendenti ghajr ghal-dawk maghmulha taht il-Ligi tal-Istampa kif hemm provdut. Issa, apparti ilkunsiderazzjonijiet maghmula dwar l-ewwel imputazzjoni ghar-rigward tal-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali li jghoddu ukoll ghal kwistjoni in dizamina, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009 fil-każ 'Scoppola v Italy (No.2) (Grand Chamber) tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn ilQorti rriteniet hekk:*

*'106. The Court therefore concludes that since the X v Germany decision a consensus has gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, has become a fundamental principle of criminal law.....*

*107. Moreover it observes that in prohibiting the imposition of 'a heavier penalty.....than the one that was applicable at*

*the time of the criminal offence , paragraph 1 in fine of Article 7 does not exclude granting the accused the benefit of a more lenient sentence, prescribed by legislation subsequent to the offence.'*

*12. Igifieri, anke mill-aspett ta' piena, la darba l-fatti allegati mghadhomx jikkostitwixxu reat u huma soggetti ghall-proceduri civili li certament l-ezitu taghhom ma jistghax ikun ta' natura penali, isegwi li ma tistax aktar tinsab htija f'dan il-fatti anke jekk, gratia argomenti, l-malafama per se hija prosegwibbli taht is-subartikolu 49(b)."*

Issa dwar it-tieni imputazzjoni, mill-provi rrizulta li dakinhar tal-incident, Zerafa kien cempel lil Jonathan Farrugia, u dan kien qaghad jidghi u jinsulentah. Zerafa sostna li Kirsty Mamo kienet qaltlu li hin qabel, Jonathan Farrugia kien cemplilha u kien qalilha li hedded li ser iwegga' lil Zerafa. Madanakollu, Kirsty Mamo ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri. Fix-xhieda tieghu moghtija viva voce, Zerafa ma kkjarifikax jekk Farrugia kienx heddu. In fatti fix-xhieda tieghu kulma qal kien is-segwenti:

"*.......cempiltlu u ghidtlu jekk trid tghid xi haga, hu pacenzja ghidha lili, u toqghodx twerwer lilha u nsomma u hafna ghax jien ghala bieb hekk u ghala bieb hemm u ghala bieb 'l awn. Ghidtlu hu pacenzja ejja u nitkellmu bil-mod. Hafna dagha, qata' u xi nofsinhar neqsin kwart gie"* (xhieda moghtija fil-15 ta' Marzu 2019 minn Ramon Zerafa).

Ghaldaqstant, fuq l-istegwra ta' din il-gurisprudenza, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni. Ma tressqitx prova li l-imputat hedded li ser jaghmel xi reat. Ma ngabitx prova li dak li qal l-imputat permezz ta' apparat eletroniku, saret "bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga". Din il-Qorti hija tal-fehma li l-agir tal-imputat, jikkostitwixxi uzu mhux xieraq, billi skont Zerafa, dan insulentah u qaghad jidghi. Madanakollu, fil-kuntest tal-akkuza taht l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta li l-imputat ghamel uzu iehor mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Però, stante li l-kliem huwa

malafamanti, il-proceduri jistghu jittiehdu skont l-Att dwar il-media, u dana peress li japplika l-proviso ta' dan l-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, l-imputat sejjer jigi liberat minn din it-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din il-Qorti qieset il-provi prodotti, u kif ukoll rat il-filmat ezebit. Tqis li mill-filmat, jirrizulta bl-iktar mod evidenti, li Ramon Zerafa gie mizmum minn zewgt irgiel ohra. Jidher b'mod evidenti, li dawn zammewh bil-forza minn taht spallejh. Jirrizulta wkoll li Jonathan Farrugia, ta diversi daqqiet ta' ponn lil Ramon Zerafa fil-wicc. Madanakollu, ghalkemm din il-Qorti tqies li l-griehi li soffra Ramon Zerafa f'wiccu, certament gew ikkagunati mid-daqqiet li tah Jonathan Farrugia, l-istess ma jistax jinghad ghal griehi gravi sofferti minn Zerafa fi spalltu. Il-griehi li sofra Zerafa fi spalltu, iktar huma kompatibbli ma' griehi kkagunati, billi huwa kien qed jissara biex jirnexxielu johrog minn idejn iz-zewgt irgiel li kienu qed izommuh, sabiex ikun jista' jaghti xi daqqa lil Jonathan Farrugia. Mill-filmat li rat il-Qorti, u li gibed l-incident kollu jsir, din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tressaq provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-griehi fl-ispalla, proprju gew ikkagunati bl-agir ta' Jonathan Farrugia.

Il-Qorti tissottolinja wkoll li anke a tempo vergine fir-rapport, gie raportat illi: *"...Ramon prova jehles minn dawk iz-zewg persuni fejn b' konsegwenza ta' hekk Ramon qala spalltu minn postha."*

Dwar in-natura tal-griehi li soffra Ramon Zerafa f'wiccu, din il-Qorti ezaminat ir-rapport ippreparat minn Dottor Mario Scerri, u tqies li dawn il-griehi ma jikkostitwixxux griehi ta' natura gravi, izda biss griehi ta' natura hafifa. Il-Qorti tqies li hija ghalhekk, sejra ssib htija fl-imputat fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno,* u dana stante li l-Qorti jidhrilha li ghandha tinstab htija fl-imputat talli kkaguna offizi ta' natura hafifa fil-konfront ta' Ramon Zerafa.

Dwar ir-raba' u s-sitt imputazzjoni, din il-Qorti tqies li dawn ma gewx ippruvati, peress li fl-ebda hin ma nghatat xhieda dwar xi nsulti, ingurji, theddid jew kliem oxxen jew indicenti. Lanqas tressqu xi provi li saru xi atti jew gesti oxxeni, jew li l-imputat offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

Dwar il-hames imputazzjoni, il-Qorti tqis li din giet sodisfacentement ippruvata peress li rrizulta li l-kwiet u l-bon ordni nkiser b'ghajjat u glied li sehh. Dan jidher car mill-filmat ezebit.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni li tqis lill-imputat bhala li sar recediv, din il-Qorti sejra tichad tali talba, stante li ma tressqux provi tad-diversi sentenzi li allegatament gew moghtija mill-Qrati tal-Gustizzja fil-konfront tal-imputat.

**Decide**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tillibera lil Jonathan Farrugia mill-ewwel, it-tieni, ir-raba', u s-sitt imputazzjoni, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati tar-reat minuri kompriz u nvolut fit-tielet imputazzjoni, u cioè ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ramon Zerafa, u tal-hames imputazzjoni, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tliet mitt Ewro (€300).**

**Tordna wkoll li ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati ghandu jhallas l-ispejjez relatati mal-hatra tal-espert mahtur, Dottor Mario Scerri, durante s-smigh ta' din il-procedura, liema spejjez jammontaw ghal mitejn u disgha u hamsin Ewro (€259).**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, torbot lill-hati li jzomm il-kwiet u l-bon ordni ma' Ramon Zerafa ghal zmien sena mil-lum, taht penali ta' hames mitt Ewro (€500).**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**